MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 777/2007

**Costantino Micallef I.D. 446363(M)**

**-vs-**

**Antonia Kenny nee Ebejer u Joseph Ebejer**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti jhallsu is-somma t'elf, seba' mija u sebgha u erbghin euro u tliet centezmi (€1,747.03c) - (Lm750) liema somma tirrapprezenta xoghol ta' kostruzzjoni u ghall-materjal relattiv. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta numru 3345/07 u bl-imghaxijiet minn Awissu 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut stante li x-xoghol ma sarx sew u skond it-talbiet tal-konvenuti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Costantino Micallef, il-Perit Pierre Poulton, Angelo Mallia u Antonia Kenny nee Ebejer.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Michael Grech ghall-attur u Dr Gillian Mamo ghall-konvenuti.

**Ikkonsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi omm il-konvenuta kellha post fi Triq is-Sir, il-Mosta u kien hemm problema billi kien hemm pilastru li ma kienx mibni fuq pedamenti sodi u kien infaqa’ u kien qed icedi. Illi ghalhekk kien hemm bzonn xoghol ta’ rinfurzar u gie inkarigat il-Perit Pierre Poulton biex jara x’hemm bzonn xi jsir. Il-Perit Poulton deherlu li ghandu bzonn ikun hemm *re-inforcing* u ssuggerixxa li x-xoghol isir minn Costantino Micallef. Omm il-konvenuti accettat u fil-fatt saret laqgha fid-dar in kwistjoni flimkien ma’ Costantino Micallef u dakinhar gie miftiehem ezattament x’kienu x-xoghlijiet li kellhom isiru ghall-prezz relattiv t’elf, seba’ mija u sebgha u erbghin euro u tliet centezmi (€1,747.03c) - (Lm750) liema li kellhom jithallsu meta jitlesta x-xoghol. Ix-xoghol kien jikkonsisti billi jsir travu gewwa bir liema travu kellu jaqsam minn hajt ghal hajt u minn fuq dan it-travu jitla’ pilastru gdid biex jinforza s-saqaf tal-bir li kien qed jghabbi l-bini ta’ fuqu. Il-pilastru li kien hemm qabel kien infaqa’ u ghalhekk kien qed icedi. Il-bir ma kienx mibni fuq il-blat izda kien mibni fuq il-hamrija.

Costantino Micallef bl-ghajnuna ta’ Angelo Mallia minnu inkarigat, spezzjonaw il-pedamenti tal-hitan tal-bir u sabu liema kienu l-hitan li kienu mibnijin fuq il-blat u ghalhekk rifdu travu bil-vireg tal-hadid f’dawn iz-zewg hitan u mbaghad telghu pilastru gdid fuq dan it-travu gdid minnhom maghmul. Ix-xoghol dam sejjer madwar gimgha u nofs u kien spicca nhar ta’ Sibt filghaxija u gie miftiehem illi t-Tnejn ta’ wara fit-tlieta ta’ wara nofsinhar huwa jmur ghall-flus.

Meta huwa mar ghall-flus gie nformat illi omm il-konvenuta kienet mietet u baqa' biex ma thallasx.

Mill-provi prodotti mhuwiex kontestat illi l-konvenuti wirtu l-post in kwistjoni u l-kontestazzjoni taghhom hija li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma sarx skond l-istruzzjonijiet moghtija. Il-konvenuta Kenny qalet illi fil-fatt ma kellux isir travu gdid izda li ommha kienet informat lil Costantino Micallef li gewwa l-bir kien hemm blata mibnija fuq il-blat u ghalhekk il-pilastru l-gdid kellu jitla' minn fuq din il-blata u kien ghalhekk li hija ma hallsitx izda fil-fatt it-Tribunal ghandu dubji kbar dwar kemm verament sar hekk u dan stante illi kemm il-Perit Poulton u kif ukoll Costantino Micallef affermaw illi x-xoghol il-gdid kellu jsir permezz ta' bini ta' travu gdid liema travu ha z-zmien biex isir billi x-xoghol kollu kellu jsir bl-idejn. Certament omm il-konvenuta indunat jew facilment setghet tinduna x'kien qed isir fuq il-post u setghet facilment tinduna li kien qed isir travu gdid u mhux jinbena pilastru fuq blata ezistenti.

Illi in oltre, jirrizulta illi x-xoghol maghmul mill-attur sar skond l-arti u s-sengha u pjenament ghas-sodisfazzjon tal-Perit Poulton u ma giet prodotta l-ebda evidenza li xi Perit iccertifika xi problemi dwar dawn ix-xoghlijiet.

Illi qabel ma bdiet il-kawza il-konvenuti ma gabu l-ebda rapport tekniku biex jizmentixxu l-affermazzjoni tal-attur. Anke waqt x-xhieda taghha l-konvenuta ma kkritikatx l-kwalita tax-xoghol bhala li ma sarx skond l-arti u s-sengha. Konsegwentement fic-cirkostanzi ma kienx hemm lok li jinhatar perit tekniku biex jassisti lit-Tribunal u mil-provi prodotti t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi li x-xoghol sar kif patwit u skond l-arti u s-sengha u konsegwentement l-ammont mitlub u pattwit huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' pjenament it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma t'elf, seba' mija u sebgha u erbghin euro u tliet centezmi (€1,747.03c)

li huma ekwivalenti ghal seba' mija u hamsin lira maltin (Lm750) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

Dr Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------